**Emenda 1**
**Helmut Scholz, Eleonora Forenza, Lola Sánchez Caldentey, Barbara Spinelli, Dimitrios Papadimoulis, Stelios Kouloglou**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni B8-0593/2017**
**Bernd Lange, Paul Rübig**
f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
Negozjati multilaterali fid-dawl tal-11-il Konferenza Ministerjali tad-WTO fi Buenos Aires, bejn l-10 u t-13 ta' Diċembru 2017

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 2**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. Jenfasizza l-ħtieġa li nibnu fuq ir-riżultati miftehma fid-Disgħa u l-Għaxar Konferenza Ministerjali biex jittieħdu u jiġu garantiti passi progressivi fil-11-il Konferenza Ministerjali fi Buenos Aires f'Diċembru 2017, bil-għan li tinżamm u tissaħħaħ l-arkitettura kummerċjali multilaterali; ***jenfasizza li, minkejja dan, il-partijiet għandhom isegwu objettivi politiċi ġodda fl-oqsma tal-kummerċ diġitali u l-faċilitazzjoni tal-investiment;*** | 2. Jenfasizza l-ħtieġa li nibnu fuq ir-riżultati miftehma fid-Disgħa u l-Għaxar Konferenza Ministerjali biex jittieħdu u jiġu garantiti passi progressivi fil-11-il Konferenza Ministerjali fi Buenos Aires f'Diċembru 2017, bil-għan li tinżamm u tissaħħaħ l-arkitettura kummerċjali multilaterali; |

Or. en

13.11.2017 B8-0593/2

**Emenda 2**
**Helmut Scholz, Eleonora Forenza, Lola Sánchez Caldentey, Barbara Spinelli, Paloma López Bermejo, Kateřina Konečná**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0593/2017**
**Bernd Lange, Paul Rübig**
f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
Negozjati multilaterali fid-dawl tal-11-il Konferenza Ministerjali tad-WTO fi Buenos Aires, bejn l-10 u t-13 ta' Diċembru 2017

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 7**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. Jafferma mill-ġdid l-importanza li jimxu 'l quddiem negozjati u li jinkisbu riżultati dwar kwistjonijiet oħra li tqajmu mill-membri, inklużi: ir-regolamentazzjoni domestika fis-servizzi, il-kummerċ elettroniku, il-faċilitazzjoni tal-investiment, is-sussidji orizzontali u t-titjib fit-trasparenza u l-prattiki regolatorji tajba għall-benefiċċju tal-SMEs;*** | ***Imħassar.*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 3**
**Helmut Scholz, Eleonora Forenza, Lola Sánchez Caldentey, Barbara Spinelli, Kateřina Konečná, Jiří Maštálka, Merja Kyllönen, Dimitrios Papadimoulis, Stelios Kouloglou**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni** **B8-0593/2017**
**Bernd Lange, Paul Rübig**
f'isem il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali
Negozjati multilaterali fid-dawl tal-11-il Konferenza Ministerjali tad-WTO fi Buenos Aires, bejn l-10 u t-13 ta' Diċembru 2017

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 11**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 11. Jappoġġa l-fehma li dan għandu jissarraf f'azzjonijiet konkreti sabiex jiġi ***ffaċilitat il-kummerċ elettroniku*** u ***l-opportunitajiet diġitali jinbidlu f'realtajiet kummerċjali; jissottolinja li konnettività aħjar toffri aktar opportunitajiet ta' negozju billi tagħmilha aktar faċli*** u ***irħas biex anke n-negozjanti tal-MSMEs*** fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw ***ikollhom aċċess għas-swieq***; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-investimenti fl-infrastruttura jibqgħu sfida ewlenija u li huwa kruċjali li jinkiseb progress f'dan il-qasam; jappella, għalhekk, biex il-membri tad-WTO jippromwovu l-investiment fl-infrastruttura, filwaqt li jinkoraġġixxu, fost inizjattivi oħra, sħubiji pubbliċi-privati; | 11. Jappoġġa l-fehma li dan għandu jissarraf f'azzjonijiet konkreti sabiex jiġi ***indirizzat id-distakk diġitali*** u ***m'għandhiex issir skuża għall-erożjoni tad-drittijiet soċjali jew għal konkwista oħra ta' swieq ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw u li huma anqas avvanzati,*** u ***jiġbed l-attenzjoni lejn tħassib relatat*** fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw ***f'dan ir-rigward***; jinnota, f'dan ir-rigward, li l-investimenti fl-infrastruttura jibqgħu sfida ewlenija u li huwa kruċjali li jinkiseb progress f'dan il-qasam; jappella, għalhekk, biex il-membri tad-WTO jippromwovu l-investiment fl-infrastruttura, filwaqt li jinkoraġġixxu, fost inizjattivi oħra, sħubiji pubbliċi-privati; |

Or. en